VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,615, 29 ta' Lulju, 2016
Taqsima B

A.L. 271 tal-2016

ATT DWAR LOTTERIJI U LOGĦOB IEĦOR
(KAP. 438)

Regolamenti tal-2016 dwar l-Eżenzjoni tal-*Fantasy Sports*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija l-artikolu 25 tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi, il-Ministru għall-Kompetittività u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi, wara konsultazzjoni mal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob, għamel dawn ir-regolamenti li gejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 dwar l-Eżenzjoni tal-*Fantasy Sports*.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu, 2016.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"Att" tfisser l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor; Kap. 438.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob imwaqqfa taħt l-artikolu 9 tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor;

"*Fantasy Sports*" u, jew "Logħba tal-*Fantasy Sports*" tfisser kompetizzjoni għall-flus jew valur ta' flus fejn l-eżitu tal-logħba jiġi determinat, b'mod predominanti, mill-abbiltà jew inteliġenza tal-ġugatur u fejn ir-riżultat tal-logħba hu determinat mill-kompilazzjoni ta' riżultati f'forma ta' statistika tal-prestazzjoni ta' numru ta' individwi f'attività sportiva, iżda ma tinkludix it-tbassir tar-riżultat jew differenza fir-riżultat jew kwalsijasi avveniment fil-futur ta' attività waħda jew ta' numru ta' attivitajiet, u biex jiġi evitat id-dubju, it-tifsira "mħatra" fl-Att ma tapplikax.

(2) Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, it-termini użati f'dawn ir-regolamenti u li m'humiex imfissra hawnhekk għandhom jiġu mfissra skont it-tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

(3) F'dawn ir-regolamenti, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u dak Malti, għandu jipprevali t-test Ingliż.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Eżenzjoni.

L.S. 438.04

3. Permezz ta' dawn ir-regolamenti, l-offerta tal-logħba tal-*Fantasy Sports* hi kkunsidrata bħala eżenti mill-ħtieġa li tinkiseb liċenza għall-finijiet tal-Att u, jew ir-Regolamenti dwar Logħob minn Distanza.

Strumenti regolatorji.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 3, l-Awtorità tista' timponi fuq kwalunkwe persuna li toffri l-logħba tal-*Fantasy Sports*, ir-rekwiżit li tinnotifika lill-Awtorità bl-operat tagħha, u, jew il-kundizzjonijiet, rekwiżiti jew kwalsijasi strument li tqis xieraq skont il-funzjonijiet tal-Awtorità għall-finijiet tal-artikolu 11 tal-Att, u liema strumenti jistgħu jkunu ta' natura obbligatorja:

Iżda kwalunkwe ksur ta' strument obbligatorju maħruġ skont dan ir-regolament jista' jkun ikkunsidrat bħala reat kontra l-Att.